**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum 5 ta' Ottubru, 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**Maria Gusman**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija Maria Gusman, ta' 34 sena, bint Amadeo u Mary nee' Spiteri, imwielda Pieta' nhar is-06 ta' Dicembru, 1985 u residenti fil-fond numru 37, Mon Repos, Triq Hookham Frere, Pieta' u detentrici tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 10486(M).

Akkuzata talli nhar l-04 ta' Ottubru ghal habta ta' 2pm gewwa c-Cirkewwa

1. Volontarjament ikkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe' offiza ta' natura hafifa ta' importanza zghira fuq il-persuna ta' Marvin Gusman, hekk kif iccertifika Dr Owen Mifsud (Med Reg 2953) mill-isptar Mater Dei; u
2. Volontarjament kisret il-bon ordni jew il-kwiet b'xi mod mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Maria Gusman a beneficju ta' Marvin Gusman u l-familja tieghu u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li jekk jidhrilha xieraq sabiex tordna ordni ta' trattament skond Art 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjonijet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata, l-koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali netta taghha. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-bzonn li ghandha l-imputata ta' ghajnuna biex teghleb problemi psikologici.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 221(3), 222(1)(a), 202(h) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta toggiha taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sena** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikoli 382A u 412C ta'l-imsemmi Kapitolu 9 biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Marvin Gusman qed tpoggi lill-imputata taht **ordni ta' trazzin ghal perjodu ta' sena** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti qed tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficju tal-Probation.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**